# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Marzu, 2017**

**Kawża Nru 33**

**Rik. Nru. 217/11JRM**

Nażżareno **ABELA** f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija Supreme Travel Limited (C – 16048)

vs

Roderick **VASSALLO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-3 ta' Marzu, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur fil-kwalita' tiegħu hawn fuq imsemmija, talab li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-inċident li seħħ fi Triq tal-Barrani, iż-Żejtun fl-1 ta' Jannar, 2011, bejn il-vettura reġistrata GQZ-247 misjuqa minn Amor Bentanfous, impjegat tal-kumpannija attriċi, u dik reġistrata ROD-131 misjuqa mill-imħarrek; (b)

issib li l-imħarrek huwa waħdu responsabbli għad-danni li huwa ġarrab minħabba dik il-ħabta; (ċ) tillikwida d-danni mġarrba fis-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmi (€11,646.87); u (d) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu s-somma hekk likwidata bħala danni. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħax;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Marzu, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-partjiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-29 ta' Marzu, 2011, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li kien b'xi mod jaħti għall-ħabta, u qal li l-ħtija kienet tas-sewwieq l-ieħor, impjegat tal-kumpannija attriċi. Għalhekk, qal li ma hemm l-ebda danni x'iħallas lill-attur, u li fi kwalunkwe każ, l-attur irid jipprova d-danni li jallega li ġarrab;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' April, 2011[2], li bih ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[3], li biha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Marzu, 2015[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi, u dak tal-10 ta' Marzu, 2015[5], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-avukati tal-partijiet[6];

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha tad-29 ta' Settembru, 2016[7], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[1] Paġ. 10 tal-proċess
[2] Paġ. 24 tal-proċess
[3] Paġġ. 128 – 9 tal-proċess
[4] Paġ. 159 tal-proċess
[5] Paġ. 160 tal-proċess
[6] Paġ. 161 tal-proċess
[7] Paġ. 163 tal-proċess

## *Ikkonsidrat:*

Illi din hija azzjoni għal danni wara ħabta bejn żewġ vetturi. Impjegat ta' l-attur kien qed isuq vettura fi Triq tal-Barrani, iż-Żejtun, u l-imħarrek li kellu riekba it-tfajla miegħu, li kien ġej minn faċċata, qasam f'nofs tat-triq, u f'kolp seħħet il-ħabta. L-attur jgħid li kien l-imħarrek waħdu li jaħti għal dik il-ħabta u jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara kollha li ġarrab minħabba f'hekk. Jgħid li l-ħsara li ġarrab bit-telf tal-vettura ma tqiesx li kien jagħmel sens li tissewwa;

Illi l-imħarrek laqa' billi qal li hu ma kienx jaħti għall-imsemmija ħabta, u li l-ħtija kienet tas-sewwieq tal-vettura l-oħra. Minħabba f'hekk, qal li ma kellu jagħmel l-ebda ħlas ta' kumpens lill-attur;

Illi bħala <u>fatti relevanti illi joħorġu mill-atti</u> ta' din il-kawża jirriżulta li fl-1 ta' Jannar, 2011, għal ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħaxija, fi Triq tal-Barrani, iż-Żejtun, seħħet ħabta bejn il-vettura tal-għamla *Peugeot 308*, reġistrata GQZ-247, ta' Nazzareno Abela, misjuqa minn impjegat tiegħu, Amar Bentanfous, u l-vettura tal-għamla *Volkswagen Golf*, reġistrata ROD-131, ta' Joseph Vassallo li dak il-ħin kienet misjuqa minn ibnu l-imħarrek Roderick Vassallo. Il-karozza misjuqa minn Roderick Vassallo ntlaqtet minn dik misjuqa minn Amar Bentanfous;

Illi l-karozza misjuqa minn Bentanfous kienet nieżla lejn iż-Żejtun u ġejja mid-direzzjoni ta' Santa Luċija, filwaqt li dik misjuqa mill-imħarrek kienet ġejja mid-direzzjoni opposta sejra lejn Bulebel. Fil-karozza miegħu, Vassallo kellu riekba lit-tfajla tiegħu Adriana Abela. Biswit Roderick Vassallo kien qed isuq il-karozza tiegħu wieħed Joseph Debono, filwaqt illi wara l-imħarrek kien hemm karozza oħra tal-għamla *Pajero* misjuqa minn wieħed Charlo Psaila, li miegħu kienet riekba oħt Adriana Abela, Joanne;

Illi l-inċident seħħ ħdejn it-*traffic lights* li hemm qabel ma wieħed jaqsam għal Bulebel. Jirriżulta li hemm żewġ settijiet ta' *traffic lights* f'dik iż-żona. Illi meta vettura tkun ġejja mid-direzzjoni taż-Żejtun għal Santa Luċija u meta tkun ġejja mid-direzzjoni ta' Santa Luċija għaż-Żejtun, iż-żewġ settijiet tad-dwal jaħdmu flimkien, tant li d-dawl aħdar jixgħel flimkien, u l-istess jingħad għad-dawl aħmar[8]. Minn naħa l-oħra, meta tixgħel il-vleġġa biex il-vettura li tkun ġejja miż-Żejtun tkun tista' ddur lejn

[8] Ara x-xhieda ta' Kenneth Spiteri f'paġ. 126F tal-proċess

Bulebel, din tixgħel ħadra u d-dawl fid-direzzjoni Santa Luċija – Żejtun u fid-direzzjoni Żejtun – Santa Luċija jkun aħmar[9];

Illi l-attur jgħid li x'ħin għadda minn ħdejn id-dwal, id-dawl kien aħdar, u għaldaqstant baqa' għaddej għad-dritta tiegħu. Dan jikkonfermah ukoll Joseph Debono[10]. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek jgħid li kien wieqaf fuq id-dwal biex, malli jaqleb il-kulur għal aħdar, idur u jidħol lejn Bulebel. Jgħid li hu dar hekk kif il-vleġġa kienet ħadra[11]. Dan tikkonfermah Adriana Abela[12] u oħtha Joanne[13] li dak il-ħin kienu rekbin mal-imħarrek;

Illi dakinhar tal-ħabta, it-triq kienet imxarrba bix-xita u kien id-dlam[14]. Adriana Abela tgħid li Bentanfous kien qed isuq b'veloċita kbira[15]. Mal-ħabta, il-karozza misjuqa minn Bentanfous ġarrbet ħsarat kbar[16] u spiċċat ġos-*central strip*. Dik misjuqa minn Vassallo ma ġarrbitx ħsarat kbar, u spiċċat tħares fid-direzzjoni lejn iż-Żejtun[17];

Illi l-karozza misjuqa minn Bentanfous sarilha *survey* minn persuna mqabbda mill-kumpannija assikurattriċi SMS Insurance Agency Ltd minn fejn irriżulta li ma kienx ta' min isewwiha minħabba l-ħsarat estensivi li kellha. L-ispejjeż telgħu għal madwar għoxrin elf, erba' mija u disgħin ewro (€20,490) [18]. Dik misjuqa minn Vassallo sarilha *survey* minn persuna mqabbda mill-kumpannija assikurattriċi Gasan Mamo, u l-ispejjeż ġew ċertifikati li jitilgħu għal madwar sebghat elef, tmien mija u sittin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€7,860.57c)[19];

Illi l-attur baqa' ma tħallasx ta' dan it-telf[20] u għalhekk f'Marzu tas-sena 2011 fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ</u>, il-Qorti tqis li l-istħarriġ ewlieni li jrid isir f'dan il-każ jirrigwarda min mill-partijiet għandu jitwemmen l-aktar. Il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet miġbura fuq l-istess ġabra ta' fatti iżda jwasslu għal żewġ tifsiriet jew verżjonjiet differenti minn xulxin ta' dawk il-fatti, b'doża qawwija ta' interpretazzjoni soġġettiva ta' dak li seħħ tassew;

---

[9] *Ibid* paġġ. 126F u 126G tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Joseph Debono f'paġġ. 59 – 60 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda ta' Roderick Vassallo f'paġġ. 132 – 3 tal-proċess. Ara wkoll r-*Road Accident Report* f'paġ. 70 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Adriana Abela f'paġ. 138 tal-proċess u in kontro eżami f'paġ. 155 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Joanne Abela f'paġ. 148 tal-proċess
[14] Ara Dok "CT1", f'paġġ. 73 – 4 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' Adriana Abela f'pap. 138 tal-proċess, kif ukoll dik ta' Joanne Abela f'paġ. 148 tal-proċess
[16] Dokti "JB2" u "JB3", f'paġġ. 44 sa 55 tal-proċess
[17] Ara skizz f'paġ. 72 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' John Borġ Bellanti f'paġġ. 34A - 34B tal-proċess
[19] Ara Dok. "CV2" f'paġ. 98 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Nazzareno Abela f'paġ. 93 tal-proċess

Illi filwaqt illi Betanfous jisħaq li kien qed isuq kif trid il-liġi u għaddej iħares ir-regolamenti tat-traffiku, inkluż fost oħrajn it-*traffic lights* li jinsabu tul it-Triq tal-Barrani mid-direzzjoni ta' Santa Luċija għaż-Żejtun, l-imħarrek jikkontesta dan il-fatt billi jgħid li l-vleġġa fid-direzzjoni ta' Bulebel fuq in-naħa tat-triq miż-Żejtun għal Santa Luċija kienet ħadra u għaldaqstant ma jistax ikun li fid-direzzjoni minn Santa Luċija għaż-Żejtun id-dawl kien aħdar ukoll. Huwa jisħaq ukoll dwar il-fatt illi Betanfous kien qed isuq b'veloċita' eċċessiva filwaqt li hu kien qed isuq bil-mod;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet fattwali li saru, jitnisslu żewġ kunsiderazzjonijiet: (1) L-ewwel waħda hija l-kwestjoni tal-apprezzament tal-verżjonijiet tal-partijiet. Minn din, wieħed jimxi għall-kwestjoni tal-ħtija ta' dak li seħħ; (2) It-tieni waħda hija l-kwestjoni tal-entita' tad-danni mitluba mill-atturi;

Illi għar-rigward tal-**kwestjoni tal-apprezzament tal-provi**, il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[21];

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[22] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[23]. Iżda dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*"[24];

Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u

[21] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[22] Art. 562 tal-Kap 12
[23] Art. 559 tal-Kap 12
[24] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***

minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;

Illi huwa prinċipju wkoll stabilit fil-qasam tal-inċidenti tat-triq li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti trid tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija dik li wieħed l-aktar għandu joqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun[25];

Illi min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewġ verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġiebx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir[26], bir-riżultat li l-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas[27]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kejl li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[28]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[29];

Illi l-punt li l-partijiet jikkontestaw huwa dwar jekk fil-ħin u l-post li seħħet il-ħabta, id-dwal tat-traffiku fi Triq tal-Barrani fid-direzzjoni ta' Santa Luċija għaż-Żejtun u l-vleġġa biex vettura tista' ddur lejn id-direzzjoni ta' Bulebel setgħux fl-istess ħin kienu l-istess kulur, jiġifieri ħodor. Rappreżentant ta' Transport Malta jgħid li dan mhux possibbli[30]. Is-

[25] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs. Micallef*** (Kollez. Vol. **XLVIII.i.59**); App. Inf. **22.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited noe vs. Carmel Vella Clark***
[26] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana vs. Anthony Falzon***; P.A. NC fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Mediċi et vs William Rizzo et***
[27] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***
[28] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs. David Curmi noe***
[29] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs. Victor Calleja noe***
[30] Xhieda ta' Kenneth Spiteri f'paġ. 126C – 126E tal-proċess u ara Dok "KS1", f'paġ. 127 tal-proċess

sewwieqa tal-vetturi rispettivi, minn naħa l-oħra, jisħqu li t-tnejn li huma kienu fis-sewwa u setgħu jsuqu;

Illi wara li qieset il-fatti miġjuba quddiemha, il-Qorti tasal għall- fehma li l-attur ma rnexxilux jipprova dak li allega dwar il-parti l-oħra. Fost il-provi ewlenin, il-Qorti tistrieħ fuq: (1) in-nuqqas ta' ammissjoni ta' ħtija mill-imħarrek u l-konsistenza tax-xhieda tiegħu: f'dan ir-rigward, il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-verżjoni fil-qosor li ta l-imħarrek lill-Gwardjan Lokali ftit ħin biss wara l-inċident u tqis li din taqbel mal-verzjoni aktar dettaljata li ta aktar 'il quddiem fil-Qorti; (2) ix-xhieda mogħtija minn Joanna Abela, inkluż meta ttellgħet fil-kontro-eżami, li baqgħet ċara u konsistenti sal-aħħar; (3) il-fatt li parti mix-xhieda mogħtija minn Bentanfous fir-rigward ta' Adriana Abela li wara l-inċident skużat ruħha u ammettiet miegħu il-ħtija għal dak li ġara, ġiet kontradetta minn Abela meta tgħid li bil-ħabta kienet sturduta u meta ġiet f'sikkitha, ma kellmet lil ħadd ħlief lil oħtha li marret fuq il-post biex tara x'seta' ġaralhom[31]; (4) il-fatt li Bentanfous kien qed isuq b'mod aċċessiv, jixhdu mhux biss dak li qalu l-imħarrek, Adriana Abela u Joanne Abela, iżda wkoll il-fatt li huwa nnifsu stqarr li ma rnexxilux jikkontrolla l-vettura u spiċċa daħal ġos-*central strip*; (5) marbuta mal-veloċita', hija l-ħsara kbira li ġarrbet il-vettura tal-attur tant li ma kenitx tissewwa, u liema ħsara ġġarrbet meta l-karozza misjuqa minnu spiċċat ingastata mas-*centre strip* u mhux minħabba l-impatt mal-karozza misjuqa mill-imħarrek; (6) dettal mix-xhieda mogħtija minn Joseph Debono, ix-xhud ewlieni mtella' mill-attur, hu meta jistqarr li kien mgħaġġel[32]; (7) ix-xhieda mogħtija minn Bentanfous ma taqbilx ma' dik mogħtija minn Joseph Debono: Bentanfous jgħid li l-vettura misjuqa mill-imħarrek qasmet u waqfet f'nofs ta' triq[33], filwaqt li Debono jgħid li ra l-vettura misjuqa mill-imħarrek ġejja fid-direzzjoni tiegħu, hu daħal għal Bulebel u fil-pront jisma' l-ħoss tal-inċident[34]; (8) il-fatt li l-imħarrek kiser lejn Bulebel wara li l-vettura kienet wieqfa tistenna li jinbidel it-*traffic light*; Dan ġie korroborat minn Adriana Abela u oħtha Joanna Abela; u (9) ix-xhieda mogħtija minn Kenneth Spiteri li jikkonferma li d-dwal qatt ma setgħu kienu l-istess kulur fl-istess ħin;

Illi minħabba f'din il-fehma, il-Qorti tasal għall-fehma li għal dak li jirrigwarda **r-responsabbilta' għall-ħabta**, din trid tintefa' kollha fuq is-sewwieq tal-karozza tal-attur. Minn dik il-ġabra ta' provi li tressqu, joħroġ ċar li Betanfous naqas minn waħda miż-żewġ obbligi li kull sewwieq irid iħares, u jiġifieri dik li f'kull waqt tas-sewqan irid iżomm kontroll tal-karozza li jkun qiegħed isuq. Minbarra dan, joħroġ ukoll element ta'

[31] Xhieda ta' Adriana Abela f'paġ. 138 tal-proċess
[32] Xhieda ta' Joseph Debono f'paġ. 60 tal-proċess
[33] Xhieda ta' Amor Bentanfous f'paġ. 34C tal-proċess
[34] Xhieda ta' Joseph Debono f'paġ. 60 tal-proċess

abbuż tar-regolamenti tas-sewqan, u jiġifieri n-nuqqas ta' ħarsien xieraq ta' dak li jkun hemm fil-madwar ("*proper lookout*") meta ma qiesx is-senjaletika dettata dak il-ħin mis-sistema tat-*traffic lights* ta' dawk il-bnadi, minkejja li kien l-imħarrek li kien qiegħed jaqsam il-karreġġjata li fuqha kienet il-vettura tal-attur;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti sejra tilqa' għall-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek, u ssib li l-ewwel talba attriċi mhijiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Illi billi t-tieni, tielet u raba' talbiet attriċi huma marbuta ma' u konsegwenzjali għall-ewwel talba, il-Qorti sejra tastjeni milli tqishom aktar;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kważa billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fi-dritt u ssib li l-attur ma rnexxilux jipprova li l-imħarrek jaħti għall-inċident mertu tal-każ;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek bħala mistħoqqa;

**Tastjeni** li tqis it-tieni, tielet u raba' talbiet attriċi, billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-attur iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**22 ta' Marzu, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**22 ta' Marzu, 2017**